18 ta' Mejju, 1948.

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Giuseppe Bonello *versus* Pietro Vella et.

**Testment — Istituzzjoni "a Titolo Universale" — Legat — Intenzjoni tat-Testatur — Preskrizzjoni — Gurament — Kuraturi — Art. 2265 tal-Kodiċi Civili.**

*Il-lasxitu tal-mobili kollha spettanti lit-testatur hija dispożizzjoni "a titolo universale", bħal ma hija istituzzjoni "a titolo universale" l-lasxitu ta' l-immobili kollha appartenenti lit-testatur.*

*Imma biex jiġi determinat il-veru karattru tad-dispożizzjoni testamentarja, hemm bżonn li jiġu rigwardati mhux biss il-kliem użati mit-testatur u n-natura intrinseka tal-liberalità li tkun ġiet magħmula, imma anki l-intenzjoni tat-testatur.*

*Fil-każ preżenti ġie ritenut li t-testatriċi, li kienet istitwiet wieħed mill-konvenuti eredi universali fl-assi kollu mobiljari tagħha, ma għamlitx istituzzjoni ta' eredi, b'mod li dak il-konvenut seta' jiġi ritenut bħala kontinwatur tal-persuna ġuridika tagħha, u għalhekk responsabili għad-dejn tagħha; imma riedet tħallilu dawk il-mobili kollha tagħha bħala legat bi ħlas tas-serviġi li huwa kien irrendielha f'ħajjitha*

***Il-kuraturi konvenuti, anki jekk ikunu nominati "ex ufficio", jistgħu joppona l-preskrizzjoni, mingħajr ma jista' lilhom jiġi deferit il-ġurament biex tiġi kombattuta dik il-preskrizzjoni; liema ġurament jista' biss jiġi deferit lid-debitur u lill-eredi jew aventi kawża tiegħu.***

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa fl-attijiet tan-Nutar Emmanuele Agius tas-27 ta' Lulju 1934 silef lil Giovanna Bonello s-somma ta' £8 bil-lukri tas-6% restitwibili a prima u sempliċi rikjesta tiegħu (dok. A); u li Clementina Azzopardi, Marianna Bonello u l-imsemmija Giovanna Bonello, ikkostitwew ruħhom debituri solidali versu lejh fis-somma ta' £50 restitwibili żmien erba' snin mid-data tal-kuntratt, bil-lukri tal-5%, u dan bis-saħħa ta' kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Oscar Azzopardi tat-18 ta' Jannar 1940 (dok. B); u li huwa, fl-attijiet tan-Nutar Oscar Azzopardi tal-24 ta' Mejju 1940, silef "in solidum" lill-imsemmijin Clementina Azzopardi, Marianna u Giovanna Bonello, u lil Giuseppe Bonello, is-somma ta' £50 bil-lukri tal-5%, restitwibili żmien sitt snin, ċjoè l-ewwel tliet snin di fermo dekorribili mid-data tal-kuntratt, u t-tliet snin l-oħra di rispetto (dok. C); u li għaddew aktar minn tliet snin minn mindu l-imsemmijin kuntratti setgħu jiġu eżegwiti; u li l-imsemmija Clementina Azzopardi mietet fl-10 ta' Frar 1943, b'testment magħmul fl-attijiet tan-Nutar Salvatore Cauchi fit-12 ta' Jannar 1927, li bis-saħħa tiegħu istitwiet eredi universali lill-imsemmija Giovanna Bonello, u in sostituzzjoni tagħha lill-imsemmijin Marianna u Giuseppe aħwa Bonello (dok. D u F); u illi l-imsemmija Marianna Bonello mietet xebba u "ab intestato" fit-3 ta' April 1944 (dok. C); u illi l-imsemmija Giovanna Bonello mietet xebba fit-2 ta' Lulju 1946, b'testment fl-attijiet tan-Nutar Mario Bonello tal-24 ta' Mejju 1946, li bis-saħħa tiegħu ħalliet u istitwiet eredi universali ta' l-assi mobiljari tagħha lill-konvenut Pietro Vella, u ħalliet u istitwiet eredi universali ta' l-assi immobiljari tagħha lil ħuha Giuseppe Bonello (dok. H u E); talab illi jiġi awtorizzat jeżegwixxi (1) il-kuntratt li kien sar fl-atti tan-Nutar Emmanuele Agius tas-27 ta' Lulju 1934 in kwantu għal £8 sorte, u in kwantu għal £5. 5. 5 lukri sal-jum tal-preżentata ta' l-att taċ-ċitazzjoni, skond il-prospett Dok. I annessa ma'

l-istess att taċ-ċitazzjoni, salvi lukri ulterjuri, (2) il-kuntratt li kien sar fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi tat-18 ta' Jannar 1940 in kwantu għal £50 kapital, u in kwantu għal £15. 9. 10 lukri sal-jum tal-preżentata taċ-ċitazzjoni, salvi lukri ulterjuri, u (3) il-kuntratt li kien sar fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi tal-24 ta' Mejju 1940 in kwantu għal £50 kapital, u in kwantu għal £14. 11. 9 lukri sal-jum tal-preżentata taċ-ċitazzjoni, salvi lukri ulterjuri. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-laxxitu tal-mobbli kollha spettanti lit-testatur hija dispożizzjoni "a titolo universale", kif hija istituzzjoni "a titolo universale" il-laxxitu ta' l-immobili kollha appartenenti lit-testatur. Vitali jikteb fil-par. 1371, paġ. 317 tat-Tieni Volum tat-trattat "Delle Successioni Legittime e Testamentarie":— "Parimenti non sarà istituzione 'in re certa', ma in una quota di eredità, quella che il testatore faccia di tutto un genere di beni, ad esempio di tutti i beni immobili o di tutti i beni mobili; perocchè, sebbene la disposizione non contenga che una categoria di beni, è pur sempre una parte dello 'Universum Jus', il quale non si materializza in alcuna cosa concreta; essa, se ha per oggetto una quota di beni ereditari, e, per ciò stesso, se ha determinazione quanto al genere dei beni, è tuttavia indeterminata quanto al contenuto. D'altronde, l'intero patrimonio risultando dalle due categorie di beni, e cioè dei mobili e degli immobili, che formano appunto la totalità o universalità di quello, è evidente che, disponendo di una categoria, si dispone di una quota di detta universalità o patrimonio";

Illi però, kif igħid l-istess Vitali (opera ċitata, par. 1339), biex jiġi determinat il-veru karattru ta' dispożizzjoni testamentarja hemm bżonn li jiġu rigwardati mhux biss il-kliem impjegati mit-testatur u n-natura intrinseka tal-liberalità li tkun ġiet magħmula, imma anki l-intenzjoni tat-testatur;

Illi fil-każ preżenti, Giovanna Bonello istitwiet eredi universali tagħha fl-assi immobiljari lil ħuha Giuseppe Bonello, u fl-assi mobiljari lil Pietro Vella li kien qiegħed jalloġġjaha f'daru; u inoltri, dina d-dispożizzjoni favur Pietro Vella t-testatriċi għamlitha biex tirrikompensah "tad-diversi serviġi

prestati u li jibqa' jippresta ma' l-istess testatriċi l-imsemmi Pietro Vella u l-familja tiegħu";

Illi minn dak li ġie rilevat jirriżulta illi t-testatriċi, indipendentement mill-kliem impjegati, ma kellhiex f'moħħha li tiddesinja lill-imsemmi Pietro Vella bħala persuna li kellha tirrappreżentaha wara mewtha, tikkontinwa l-persuna ġuridika tagħha, u tissuċċediha "a titolo universale"; u allura ma jistax jingħad illi d-dispożizzjoni favur Pietro Vella hija istituzzjoni ta' eredi. It-testatriċi intendiet biss tħalli lill-imsemmi Pietro Vella l-mobbli tagħha, id-deheb u l-ħaġar prezzjuż u l-flus u l-krediti għal-'claims' taħt il-"War Damage Ordinance" relativament biss għat-telf ta' oġġetti mobili, u dana biex tirrikompensah għas-serviġi li hu u l-familja tiegħu rrendewlha. Fi kliem ieħor, l-imsemmija dispożizzjoni favur Pietro Vella hija istituzzjoni ta' legatarju, għaliex il-ħsieb tat-testatriċi kien evidentement li tħallilu l-oġġetti fuq indikati bħala legat rimunerativ. L-unika persuna li evidentement it-testatriċi riedet bħala rappreżentant u kontinwatur tal-persuna ġuridika tagħha, u suċċessur tagħha, huwa huha Giuseppe Bonello, u xejn ma jiswa li hija impjegat il-kliem "eredi ta' l-assi tagħha mobiljari"; għaliex l-ewwelnett, presumibilment dik l-espressjoni ġiet użata billi l-assi mobiljari tagħha kien ġie mħolli lil Pietro Vella, u kwindi ma kienx baqa' ħlief l-immobili; u mbagħad, it-testatur, kif igħid l-istess Vitali fuq ċitat, mhux tenut li jesprimi ruħu b'dik il-kjarezza u preċiżjoni kif huwa tenut jesprimi ruħu l-leġislatur meta jiddetta d-dispożizzjonijiet tiegħu. It-testatur jista' jallontana ruħu mid-definizzjonijiet tekniċi u mill-ismijiet proprji tal-ħwejjeġ;

Illi għaldaqstant it-talba ma tirreġix kontra l-konvenut Pietro Vella, għaliex dana mhux l-eredi ta' l-imsemmija Giovanna Bonello, li kienet wirtet lill-oħtha Marianna u lil Clementina Azzopardi. It-talba, iżda, ġiet sewwa magħmula kontra Giuseppe Bonello, eredi ta' l-istess Giovanna Bonello in forza tat-testment tagħha fuq imsemmi;

Tikkunsidra;

Illi mid-dokumenti li ġew prodotti tirriżulta ġustifikata d-domanda ta' l-attur għar-rigward tal-kapitali u ta' l-interessi dovuti fuq dawk il-kapitali għal ħames snin anterjuri għat-talba ġudizzjarja, salvi l-lukri ulterjuri, imma għall-interessi

skaduti qabel l-imsemmi perijodu tosta l-preskrizzjoni ta' ħames snin (art. 2261 Kodiċi Ċivili) opposta mill-kuraturi li qegħdin jirrappreżentaw l-imsemmi Giuseppe Bonello. Ġie ritenut mill-ġurisprudenza illi l-kuratur, anki "ex ufficio", jista' jeċċepixxi l-preskrizzjoni, u lil dana ma jistax jiġi deferit il-ġurament kontemplat fl-art. 2265 tal-Kodiċi ċitat, għaliex dak il-ġurament ma jistax jiġi deferit ħlief kif tgħid il-liġi u lil persuni illi hija ssemmi; u dawna l-persuni huma biss id-debituri u l-eredi jew aventi kawża tiegħu;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tillibera l-konvenut Pietro Vella mit-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra l-istess attur, u għat-tenur tad-domanda ta' l-attur in kwantu l-istess hija diretta kontra l-kuraturi Dottor Marcel Bianchi u P.L. Alfred Mifsud bħala kuraturi in rappreżentanza ta' l-imsiefer Giuseppe Bonello għarrigward tas-sortijiet u ta' l-interessi dovuti għall-kwinkwennju preċedenti d-domanda ġudizzjarja, salvi l-lukri ulterjuri, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti Dottor Marcel Bianchi u P.L. Alfred Mifsud nomine;

U takkolji l-imsemmija eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u kwindi tirrigetta t-talba in kwantu għal-lukri ulterjuri; bl-ispejjeż kontra l-attur.